# <u>TRIBUNAL INDUSTRIJALI</u>

## <u>DECIZJONI PRELIMINARI Nru 3179</u>

**Kaz Nru. 4384/HW**

**Fil-Kwistjoni tax-Xoghol**

**bejn**

**Laura Juliana Rusinque Bosiga**
**(K.I. Nru 0363519 A)**
**u**

**AMD Consulting Ltd. (C 89599)**

## <u>Chairman: Is-Sur Harold Walls M.Sc., D.P.M., IPD(UK).</u>

**Dan il-kaz gie referut lit-Tribunal Industrijali permezz ta' dikjarazzjonijiet tar-rikorrenti li gie pprezentat fir-Registru tal-Qorti fil-5 ta' Novembru, 2024. Meta ssejjah il-kaz Laura Juliana Rusinque Bosiga kienet assistita mill-Avv. Stephanie Bonnici u l-Avv. Andre Borg. Is-socjeta kienet raprezentata mill-Avv. Edward Camilleri u mill-Avv. Chantel Muscat.**

**Fl'istqarrija tal-Kaz ir-rikorrenti tghid, li hija ta' nazzjonalita Kolombjana u giet Malta ghar-raguni ta' impjieg, propjament billi talbet is-servizzi tas-socjeta ntimata bhala Agenzija ta' reklutagg.**

**Hija tghid ukoll, li kienet impjegata mas-socjeta ghall-perjodu ta' bejn it-3 ta' Dicembru, 2022 sat-22 ta' Mejju, 2024 u dan soggett ghall-kuntratt defenit.**

**Ir-rikorrenti tghid ukoll, li permezz tal-kuntratt imsemmi kellha impjieg assigurat ghall-perjodu ta' sena, partikolarment sad-data li tkun tista tibqa tahdem a bazi t-tigdid tal-karta tar-residenza taghha mal-Agenzija Identita, ossia sal-ahhar ta' Novembru, 2024.**

**Hija tghid ukoll li skond il-kuntratt, kienet tahdem mal-kumpanija fuq bazi full-time li kellha paga ta' tmien mija u hamsa u tletin Ewro u ghoxrin centezmu fix-xahar (€835.20) liema ammonti huma anqas mill-paga minima Nazzjonali u fl'4 ta' Gunju, 2024 irceviet ittra minghand l-Agenzija Identita li permezz taghha giet informata li s-socjeta ntimata rregistrat it-terminazzjoni tal-impjieg taghha u dan minghajr ma tat ebda twissija u/jew preavviz lilha u ghaldaqstant, invista tat-tkeccija prematura hija ntitolata ghal nofs il-paga kollha li kienet tkun tmiss lilha ghall-bqajja taz-zmien miftiehem li tammonta ghal elfejn, hames mija u hames Ewro u sittin centezmu (€2,505.60) rapprezentata f'telf ta' paga kif imposta mill-Artikolu 36 (11) tal-kap 452 tal-Ligijiet ta' Malta, u kif ukoll spejjez li kellha thallas ghall-applikazzjoni taghha mal-Agenzija Identita u spejjez ulterjuri ancillari li se jigu kkwantifikati tul il-kawza.**

**Ir-rikorrenti tghid ukoll, li tul l-impjieg taghha l-intimata ma kienitx qed thallasha l-paga shiha li kienet intitolata lilha u kif jidher mill-payslips hija gieli thallset ammont li huwa ferm inqas minn dak pretiz fil-kuntratt.**

**Għaldaqstant hija tgħid, li s-soċjeta ntimata għandha wkoll tħallasha l-ammont ta' elfejn, mija u sebgħa u tmenin Ewro u tmienja u erbgħin ċentezmu (€2,187.48) rappreżentati bilanċ ta' paga dovuta lilha għax-xhur minn Diċembru 2023 sa Mejju 2024 u dan bla ħsara għal bonuses statutorji u/jew intitolment ta' leave li ma tħallsitx tiegħu.**

**Hija tgħid ukoll, li s-soċjeta ntimata kienet tagħmilha prassi li ma toħroġx payslips u dan bi ksur lampanti tal-liġi ossia bi ksur tal-Avviż Legali 274 tal-2018 tal-Att dwar l-Impjiegi u r-Relazzjonijiet Industrijali Kap 452 tal-Liġijiet ta' Malta.**

**Hija tgħid ukoll, li għaldaqstant f'dan l-istadju m'hijiex f'pożizzjoni li tippreżenta l-payslips kollha b'dan illi għalhemm is-soċjeta intimata ġiet interpellata diversi drabi sabiex tipproduċi l-payslips hija dejjem baqgħet inadempjenti.**

**Ir-rikorrenti tgħid ukoll, li qed titlob danni fil-konfront tas-soċjeta ntimata għal ksur tal-kuntratt tagħha u li minħabba dan l-istess ksur ġarrbet danni sinifikanti talli għamlet perjodu mingħajr impjieg.**

**Hija tgħid ukoll li għandu jiġi rilevat illi fl-20 ta' Settembru, 2024 is-soċjeta intimata intavolat proċeduri quddiem dan l-Onorabbli Tribunal**

**Industrijali kontrija (Kaz nru 4363/HW) li permezz taghhom l-intimata qed tallega li abbandunat l-impjieg taghha u qed titlob danni ghal dan l-allegat abbandun.**

**Ghaldaqstant u invista tas-suepost, l-assistenza legali ghan nom tar-rikorrenti qieghda umilment titlob li dan l-Onorabbli Tribunal Industrijali sabiex :**

1. **Jisma u jiddeciedi l-kaz odjern flimkien u kontestwalment mal-kaz bin-numru 4363/HW u dan ghall-ekonomija u integrita tal-gudizzju hekk kif tali proceduri jinvolvu l-istess kontendenti u jittrattaw l-istess mertu;**
2. **Jiddikjara li s-socjeta kisret il-kuntratt tal-impjieg kif ukoll agixxiet kontra d-dispozizzjonijiet tal-Kapitolu 452 tal-Ligijiet ta' Malta;**
3. **Tordna lis-socjeta intimata thallas lir-rikorrenti l-ammont ta' €2,505.60 rapprezentanti nofs il-paga kuntrattata rimanenti, abbazi t-tkeccija tar-rikorrenti u dan ai termini tal-Kapitolu 452 tal-Ligijiet ta' Malta u kif ukoll l-ispejjez li r-rikorrenti kellha thallas ghall-appell taghha mal-Agenzija Identita u spejjez ulterjuri ancillari li se jigu kkwantifikati tul il-kawza;**
4. **Tordna lis-socjeta thallas s-somma ta' €2,187.48 rapprezentanti bilanc ta' paga dovuta lir-rikorrenti ghax-xhur minn Dicembru 2023 sa' Mejju 2024 liema ammonti kienu tnaqqsu arbitrarjament mis-socjeta intimata, flimkien ma kwalunkwe bonuses statutorji u/jew intitolamenti ta' leave li huma dovuti lilha;**

**5. Jillikwida kumpens xieraq u gust pagabbli lilha ghal telf ta' introjtu li soffriet kawza tat-tkeccija taghha;**

**6. Jordna lis-socjeta thallas l-ammont likwidat minn dan l-Onorabbli Tribunal in linja mat-talbiet kollha suespost, bl-imghaxijiet legali sad-data tal-eventwali tal-hlas.**

**Bl'ispejjez kontra s-socjeta li hija minn issa ngunta in subizzjoni.**

**L-assistenza Legali tas-socjeta ntimata fid-Dikjarazzjoni tal-Kaz tghid, illi t-talbiet tal-attrici qed jigu kontestati bis-shih u dan ghas-segwenti ragunijiet illi in linea preliminari u dan minghajr pregudizzju ghall-eccezzjonijiet sottostanti, it-talbiet tal-attrici huma preskritti ai termini tal-Artikolu 75 (3) tal-Kap 452, l-Att dwar Impiegi u r-Relazzjonijiet Industrijali.**

**Is-socjeta tghid li Artikolu 75 tal-Kap. 452, l-Att dwar l-Impiegi u r-Relazzjonijiet Industrijali jaqra kif gej :-**

**75(1) Minkejja kull ma jinsab f'kull ligi ohra, it-Tribunal Industrijali jkollu l-gurisdizzjoni eskluziva li jikkunsidra u jiddeciedi :-**

**(a) il-kazijiet kollha fejn jigi allegat li saret tkeccija ingusta;**

**(b) it-talbiet kollha maghmula skond is-subartikoli (11) u (12) tal-artikolu 36 tal-Att, ghall-ammonti li jistghu jigu dovuti li haddiem jew principal wara temm ta' kuntratt ta' servizz ghal perjodu ta' zmien fiss qabel id-data ta' tmiem it-terminu definittavament specifikat fil-kuntratt; u**

**(c) il-kazijiet kollha li jaqghu taht il-gurisdizzjoni tat-Tribunal Industrijali bis-sahha tat-Titolu I ta' dan l-Att jew ta' regolamenti preskritti tahtu, ghal kull ghan barra minn proceduri dwar reati kontra xi ligi, u r-rimedju ta' haddiem hekk imkecci jew li mod iehor jallega il-ksur tad-dritt tieghu skont it-Titoli I ta' dan l-Att ikun biss billi l-ilment tieghu jintbaghat lit-Tribunal Industrijali u mhux xort'ohra:**

**Izda ebda haga f'dan is-subartikolu ma ghandha tinftiehem li tolqot id-dispozizzjonijiet tal-Kostituzzjoni ta' Malta dwar ufficjali pubblici jew ma ghandha tolqot it-thaddim tal-Ordinanza dwar il-Haddiema tal-Port jew tal-Att li Jirregola l-Impjiegi fit-Trasport Pubbliku; u f'dan l-artikolu l-espressjoni "haddiem" ma tinkludix ufficjali pubblici jew xi persuna li ghaliha japplikaw l-imsemmija Ordinanza jew Att.**

**(2)Meta jigi allegat li haddiem ikun tkecca b'mod ingust minn principal, jew fejn jigi allegat li kien hemm ksur ta' xi dmir li jorigina minn xi haga li taqa taht il-gurisdizzjoni tat-Tribunal Industrijali taht it-Totolu I ta' dan l-Att jew ta' xi regolament preskritt tahtu, il-kaz ghandu jintbaght lit-Tribunal ghad-decizjoni tieghu fuq talba bil-miktub ghal hekk maghmula mill-haddiem li jallega l-ksur jew minn xi persuna ohra f'isem u ghal dak il-haddiema.**

**(3) Kull refeta maghmula skont is-subartikolu ta' qabel dan, ghandha ssir permezz ta' dikjarazzjoni li ssemmi l-fatti tal-kawza, ipprezentata fir-**

**registru tat-Tribunal u għandha, fil-każijiet kollha, hekk tigi pprezentata mhux iktar tard minn erba xhur mid-data effettiva tal-ksur allegat.**

**Is-socjeta tghid, illi mid-dikjarazzjoni tal-kaz tal-attrici stess, l-impjieg taghha mas-socjeta esponenti intemm fit-22 ta' Mejju, 2024 fil-waqt li id-dikjarazzjoni tal-kaz tal-attrici giet intavolata fil-5 ta' Novembru, 2024 u li dan ifisser li l-attrici intavolat il-pretensjonijiet taghha wara t-terminu perentorju ta' erba xhur kif stipulat ai termini tal-Artikolu sopracitat, u ghaldaqstant it-talbiet tal-attrici ghandhom jigu michuda in toto.**

**Is-socjeta tghid ukoll, illi minghajr pregudizzju ghall-eccezzjoni sovrastanti, l-attrici dejjem thallset tax-xoghol taghha, u dan kif se jirrizulta fil-mori tal-proceduri odjerni.**

**Is-socjeta tkompli tghid, illi l-attrici kienet ben konsapevoli illi kellha access facli ghal payslips taghha tramite sistema digitali operata mis-socjeta esponenti, u ghaldaqstant m'hu veru xejn li is-socjeta esponenti ma provditx payslips lill-attrici.**

**Is-socjeta tghid ukoll, li hija kontradizzjoni lampanti illi l-attrici tiddikkjara li m'ghandhix access ghal payslips taghha u fl-istess hin tipprezenta kopji taghhom annessi mad-dikjarazzjoni taghha u li ghalhekk l-ebda danni m'huma dovuti lejn l-attrici mis-socjeta esponenti u ghaldaqstant it-talbiet tal-attrici ghandhom jigu michuda in toto, bl-spejjez kontra taghha.**

**Fis-seduta li nzammet fl'1 ta' Lulju, 2025 meta ssejjah il-kaz ghas-socjeta intimata deher l-avukat Edward Camilleri u r-rikorrenti naqset li tidher ghal din is-seduta u t-Tribunal Industrijali gie nfurmat li l-assistenza legali tar-rikorrenti irrinunzjaw li jkomplu jassistu lir-rikorrenti fil-kaz inkwestjoni.**

**Minn naha ta' l-Avukat Edward Camilleri talab, sabiex jipprezenta nota bhala sottomissjonijiet tal-Eccezzjoni Preliminari liema talba giet milqugha mit-Tribunal Industrijali u s-socjeta AMD Consulting Ltd (C 89599) ghamlet is-sottomissjonijiet taghha fir-Registru tal-Qorti fil-15 ta' Lulju, 2025 fejn ghamlet dikjarazzjoni li t-talbiet tar-rikorrenti huma preskritti ai termini tal-Artikolu 75 (3) tal-Kap. 452, l-Att dwar l-Impjiegi u r-Relazzjonijiet Industrijali u dan peress li l-impjieg tar-rikorrenti ntemm fit-22 ta' Mejju, 2024 u hija ntavolat r-rikors taghha fir-Registru tal-Qorti fil-5 ta' Novembru, 2024 u ghaldaqstant peress li ma pprezentatax ir-rikors taghha fi zmien erba xhur kif premess mill-ligi t-talbiet tar-rikorrenti huma preskritti.**

**F'din is-seduta t-Tribunal Industrijali nnota, li peress l-avukati tar-rikorrenti kienu irrinunzjaw li jkomplu jirraprezentawha u r-rikorrenti ma kienitx infurmat lit-Tribunal Industrijali min kien se jibda jirraprezentaha kif ukoll li r-rikorrenti ma kienitx attendiet ghal din is-seduta, it-Tribunal Industrijali gieh id-dubju jekk ir-rikorrenti kienitx ghadha tahdem f'Malta jew jekk kienitx ghadha residenti f'Malta. Ghaldaqstant it-Tribunal**

**Industrijali ddecieda li fis-seduta li kien immiss tat-23 ta' Settembru, 2025 jigu mhsejja xhieda rapprezentanti tal-Jobsplus u rapprezentanti tad-Dipartiment tac-Citadinanza u ta' l-Expatriates.**

**It-Tribunal Industrijali gie infurmat mis-Segretarju tat-Tribunal li peress ir-rikorrenti ma kienitx infurmat lit-Tribunal Industrijali jekk kienitx bidlet l-email address taghha u r-residenza taghha kull korrispondenza qed tintbghat lir-rikorrenti fl'emial address li r-rikorrenti kienet innotifikat lit-Tribunal Industrijali li huwa email : laurarusinque@gmail.com.**

**Fis-seduta tat-23 ta' Settembru, 2025 ir-rikorrenti naqset li tattendi ghal din is-seduta tat-Tribunal Industrijali u t-Tribunal Industrijali ddecieda li jkompli jisma l-kaz u jitilghu jixhdu ir-rapprezentanti li gew imharrka u jirriserva l-kontra ezami.**

**Ir-rapprezentant tal-Jobsplus Louis Buhagiar fix-xhieda tieghu ipprezenta dokument tal-employment history tar-rikorrenti li jghid :**

**Kienet tahdem ma' l-AMD Consulting Limited fil-grad ta' Labourer mis-6 ta' Marzu, 2023 sa 22 ta' Mejju, 2024. Hija kienet tahdem ma Tanti Antiques and Interiors fil-grad Cleaner mill-5 ta' Awwissu, 2024 sa 1 ta' Marzu, 2025.**

**Mid-dokumenti tal-Jobsplus jirrizulta wkoll li bejn il-perjodu 18 ta' Novembru, 2024 sa 22 ta' Frar, 2025 ir-rikorrenti kienet tahdem Part-Time ma Rubicon Retail Ltd bhala Sales Assistant.**

**Quddiem it-Tribunal Industrijali xehdet rapprezentanta tad-Dipartiment tac-Cittadinanza u ta' l-Expatriates Aloysia Kuzeti Sare Mercieca fejn fix-xhieda taghha tghid li fit-18 ta' Marzu, 2025 ir-rikorrenti giet infurmatha li l-permess ghar-residenza u work permit taghha gew rivokati peress li l-employer li kienet tahdem mieghu innotifika lid-Dipartiment li gie mitmum l-impjieg taghha u nvista ta' dan gie nullitifikat li tkompli tabita u tahdem f'Malta.**

**Fiz-zewg kazijiet it-Tribunal Industrijali rriserva l-kontra ezamijiet u ddeferixxa s-Seduta ghal 11 ta' Novembru, 2025 fis-14.00 hrs. u meta nzammet din is-Seduta s-Socjeta kienet rapprezentata mill-Avv. Edward Camilleri u minn naha tar-rikorrenti regghet naqset li tidher ghal din is-Seduta.**

**F'din is-Seduta t-Tribunal Industrijali ddecieda li jideferixxi s-Seduta ghat-13 ta' Jannar, 2026 fis-14.30 hrs sabiex tibda tigi ttrattata l-Eccezzjoni Preliminari u f'din is-seduta tat-13 ta' Jannar, 2026 is-socjeta ntimata kienet raprezentata mill-Avv. Edward Camilleri u r-rikorrenti baqghet ma dehritx.**

**It-Tribunal Industrijali kif kien diga ddecieda fis-seduta tal-11 ta' Novembru, 2025 ipproceda biex tibda tigi ttrattata l-Ecezzjoni Preliminari fejn minn naha tal-Aukat Edward Camilleri ghas-socjeta ntimata qal li kif jidher mill-provi li diga ressaq fis-sottomissjonijiet precidenti ir-rikorrenti issottomettiet il-kaz taghha fil-5 ta' Novembru, 2024 u kienu ghaddew aktar minn erba xhur minn meta spiccat mill-impjieg fit-22 ta' Mejju, 2024 u ghaldaqstant skond il-Ligi it-talbiet taghha huma preskritti.**

**It-Tribunal Industrijali wara li semgha t-trattazzjoni tas-socjeta ntimata ddecieda, li peress ir-rikorrenti naqset li tattendi ghal din is-seduta jiddeferixxi l-kaz ghat-3 ta' Marzu, 2026 fis-14.00 hrs u jinforma lir-rikorrenti li din is-seduta se tinzamm biex hija tkun tista tghamel it-trattazzjoni taghha dwar l-Eccezzjoni Preliminari liema seduta nzammet fit-3 ta' Marzu, 2026 u nvista li r-rikorrenti naqset li tattendi t-Tribunal Industrijali ddecieda li r-rikorrenti m'ghandhix osservazzjonijiet xi tressaq fuq it-trattazzjoni finali u ghaldaqstant it-Tribunal Industrijali ddecieda li jghaddi biex jghati Decizjoni fuq din il-parti tal-Kwistjoni tax-xoghol.**

**Fid-Decizjoni tieghu it-Tribunal Industrijali jinnota li skond l-Artikolu 75 (3) tal-Kap 452, l-Att dwar l-Impiegi u r-Relazzjonijiet Industrijali tghid ".... fil-kazijiet kollha, hekk tigi pprezentata mhux iktar tard minn erba' xhur mid-data effettiva tal-ksur allegat".**

**It-Tribunal Industrijali jinnota, li peress ir-rikorrenti pprezentant il-kaz taghha fir-Registru tal-Qorti fil-5 ta' Novembru, 2024 kienu ghaddew aktar minn erba xhur mid-data effettiva tat-temm ta' l-impjieg taghha li saret fit-22 ta' Mejju, 2024 u ghaldaqstant it-talbiet taghha ma sarux skond il-provedimenti ta' l-Artiklu 75 (3) tal-Kap 452, l-Att dwar l-Impjiegi u r-Relazzjonijiet Industrijali u nvista ta' dan it-Tribunal Industrijali jiddeciedi li t-talbiet tar-rikorrenti huma preskritti.**

**Minhabba differimenti mill-partijiet u nuqqas ta' facilitajiet ma kienx possibbli li dan il-kaz jigi deciz fi zmien stabbilit mill-Ligi.**

**Ghal-finijiet ta' l-Avviz Legali 48 ta' 1986, jistabilixxi d-drittijiet ta' min assista l-partijiet fl'ammont ta' €94 (erba u disghajn ewro).**

**B'hekk tintemm din il-Kwistjoni tax-Xoghol.**

**(Iffirmat)**

**Harold Walls**
**Chairman**

**Data 05.05.2026**